pullicin GROUP

pullicin Developers Ltd

pullicin ConBricks Ltd

# Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

**LINJI GWIDA GĦALL-ĦADDIEMA**



Pullicin Group (li jinkludi Pullicin Developers Limited u Pullicin ConBricks Limited jgħozz u jirrispetta ħafna lill-impjegati tiegħu. Għalhekk qed jinvesti f'dan il-fuljett li se jservi ta' linji gwida għall-ħaddiema kollha fi ħdan dawn iż-żewġ kumpaniji. F'dan il-fuljett, għandek issib ritratti u informazzjoni ta' kif jistgħu jiġu evitati inċidenti bi ftit aktar attenzjoni u preċiżjoni.

Fit-tieni parti ta' dan il-fuljett, għandek issib tagħrif dwar kif tista' tkun t'għajnuna meta jinqalgħu ċirkustanzi ta' Emerġenza. Ta' min wieħed iżomm f'moħħu li f'każ ta' Emerġenza, għandek ċċempel fuq in-numru **112**

Hu ta' responsabiltà li kull impjegat li qed jingħata dan il-fuljett, jaqra u josserva dak kollu mniżżel u spjegat. Hu ta' importanza kbira li kull impjegat jilbes is-'safetywear' mogħti lilu f'kull ħin u mument waqt il-ġurnata tax-xogħol u/jew waqt li jkun qed jagħti servizz f'isem il-kumpaniji msemmija aktar 'il fuq.

Se jittieħdu passi drastiċi għal min ma jobdix dawn ir-regoli u/jew b'nuqqas t'attenzjoni jkun qed jikkawża danni lil terzi persuni inkluż lilhom insufhom. Pullicin Group tgħożż u tapprezza l-impjegati tagħha tant li tixtiqilhom kull protezzjoni possibbli waqt il-ħin tax-xogħol tagħhom.

**Kull min jingħata dan il-fuljett, hu obbligat li jaqrah.**

## Uniformi

Il-Kumpanija Pullicin Developers Limited, taċċetta u tħalli lill-impjegati tagħha jilbsu b'mod komdu. Madankollu, hu NEĊESSARJU li jintlibes il-flokk li jingħata mill-kumpanija – li jkollu kulur 'highlighter' u s-safety shoes. Jekk għal xi raġuni jew oħra, l-impjegat ma jkunx jista' jilbes il-flokk mogħti lilu, għandu jitlob għal 'vest' li wkoll tkun ta' kulur 'highlighter' u jibqa' biha matul il-ġurnata kollha.

Huwa dejjem imporanti li tara li l-affarijiet li jingħataw lilek, **tużahom inti biss** u ma ssellifhomx lil ħaddieħor. Fost dawn l-affarijiet huma:

- Safety boots
- Flokkijiet
- Halmets
- Ingwanti
- Ear protection headphones.

## Kif tipproteġi lilek innifsek fis-sħana u f'xemx diretta

- ✓ Ilbes ħwejjeġ ħfief u ċari – toqgħodx b'żaqqek barra u pprova agħżel materjal tal-qoton (cotton).
- ✓ Ilbes kappell – importanti li jkun jgħatti l-għonq, il-widnejn, l-għajnejn, il-ġbin, l-imnieħer u l-qurriegħa tar-ras.
- ✓ Ilbes nuċċali tax-xemx
- ✓ Agħmel is-SunScreen b'mod regolari u li għandu protezzjoni ta' mhux anqas minn 15 (SPF 15).
- ✓ Ixrob b'mod regolari.
- ✓ Kul ikel ħafif.
- ✓ Jekk qed tieħu xi mediċina, ikkonsulta mat-tabib jekk hux se tagħmillek ħsara billi taħdem fix-xemx.
- ✓ Iċċekkja l-ġilda b'mod regolari.

Informazzjoni u punti meħuda mid-dokumenti maħruġa mill-OHSA.

## Il-Magni li jaħdmu bid-Diesel

Xogħlijiet li jistgħu jwasslu għall-espożizzjoni tal-exhaust tad-dħaħen tad-diesel jinkludu fost oħrajn, xogħol ta' mekkanik, xufira tat-trakkijiet, xogħol ta' sewwieq, xogħol fil-kostruzzjoni, u operaturi tal-forklifters.




L-exhaust tal-magni tad-diesel hi taħlita komplessa ta' gassijiet, dħaħen, liquid aerosols, u partiċelli kkrejati mill-ħruq tad-diesel. Id-dħaħen fihom relattivament ammonti għoljin ta' partiċelli ta' nugrufun (huma ħafna ogħla mid-dħaħen tal-petrol) u t-taħlita tinkludi diversi sustanzi karċinoġeni.

Espożizzjoni fuq medda qasira ta' żmien tista' tikkawża irritazzjoni fl-għajnejn, fl-imnieħer, fil-gerżuma u fil-pulmuni. Espożizzjoni fit-tul tista' żżid ir-riskju li jiżviluppa mard respiratorju kroniku u kanċer fil-pulmun. Il-perjodu latenti bejn l-espożizzjoni u l-kanċer fil-pulmun jista' jvarja bejn għaxra u għoxrin sena. X'tista' tagħmel Għamel evalwazzjoni tar-riskju fuq l-espożizzjoni tal-ħaddiema mid-dħaħen tal-exhaust tad-diesel. Per eżempju, id-dħaħen tal-exhaust tad-diesel qiegħdin ikunu rilaxxati f'żoni magħluqa tax-xogħol bħal-garaxxijiet? Qiegħdin jittieħdu miżuri neċessarji? Il-ħaddiema jagħmlu rapporti fuq problemi relatiti mal-irritazzjoni fl-għajnejn u l-pulmun? l-aħjar soluzzjoni hi li tikkontrolla l-espożizzjoni, billi tuża per eżempju magni oħra jew sistemi ta' ventilazzjoni kif ukoll immaniġġjar tajjeb tal-magni. Apparat respiratorju li hu ddisinjat biex jipproteġi lill-ħaddiem milli jiġbed man-nifs trab li jagħmel il-ħsara, dħaħen, fwar jew gassijiet, għandu jintuża biss bħala l-aħħar riżorsa. Madankollu, għall-ċertu xogħlijiet jew attivitajiet ta' xogħol, l-ilbies protettivi jaf ikun l-uniku soluzzjoni prattika biex toffri l-protezzjoni.









Informazzjoni u punti meħuda mid-dokumenti maħruġa mill-OHSA.

L-Armar għall-Bini



L-ikbar riskji fis-settur tal-kostruzzjoni huma relatati ma' waqgħat ta' persuni, materjal u oġġetti mill-għoli. Ħafna minn dawn ir-riskji huma kkawżati minn nuqqas ta' prattiċi tajba ta' xogħol. L-armar insibuh f'forma ta' 'scaffoldings', 'platforms' jew pontijiet. L-armar għandu jkun ta' struttura soda li joffri protezzjoni għal min ikun qed jaħdem fuqu. Wara li l-armar ikun lest, dan għandu jiġi spezzjonat ta' l-anqas darba fil-ġimgħa. L-armar jista' jkun magħmul minn diversi materjali fosthom ħadid, injam kif ukoll aluminju. Jekk l-irbit ikollu jitneħħa minħabba xi alterazzjoni waqt il-proċess tax-xogħol, dan għandu jsir biċċa biċċa u mhux kollu f'daqqa. L-armar m'għandu qatt jintrama meta jkun ħafna riħ. Il-ħaddiema li jarmaw għandhom jintrabtu sew bil-'fall arresters' u 'harnesses' .

**Kawża ta' Inċidenti minn Armar f'Għamla ta' Torri**

• L-armar ma jkunx armat kif suppost u mhux minn persuna kompetenti. Inċidenti oħra jistgħu jiġru meta dan it-tip ta' armar jegħleb.

**Dan jista' jiġri f'dawn il-każi li ġejjin:**

• Ir-rata bejn l-għoli u l-wisa ta' l-armar tkun kbira ħafna. eż: għoli ħafna imma dejjaq.
• Tagħbija ta' ħafna piż fuq nett, b'mod li l-pjattaforma, ma tkunx tiflaħ għaliha.
• Sellum jitqiegħed fuq nett, fuq il-pjattaforma, biex wieħed jilħaq iktar.
• Isir xi xogħol ta' vibrazzjoni qawwija fuq l-armar.
• Armar mobbli jiġi mċaqlaq bin-nies fuqu.
• Armar ma jkunx armat fuq bażi tajba.
• Armar mhux marbut sew.
• Meta wieħed jitla', flok jitla' minn ġewwa jitla' min-naħa ta' barra.

**Limitazzjonijiet fl-Għoli tal-Armar**

Ara li l-armar ikun stabbli. Ir-rata tal-għoli mal-bażi, għal armar statiku (marbut) li se jintuża ġewwa m'għandux jeċċedi 4:1, filwaqt li għal barra għandu jkun ta' 3.5:1. Armar mobbli għal barra għandu jkun prefferibbilment ta' 3:1. Meta piż jitpoġġa fuq il-pjattaforma tal-armar, dan jgħolli ċ-ċentru tal-gravita u b'hekk jista' jwassal biex l-armar jegħleb. F'dan il-każ, għalhekk huwa rakkomandat li wieħed jingħata parir minn persuna kompetenti.

Armar statiku forma ta' torri m'għandux jeċċedi it-12-il metru meta mhux marbut. Jekk l-armar ikun mobbli, m'għandux jeċċedi d-9.5m jekk mhux marbut u ma jkunx aktar minn 12-il metru jekk marbut mal-istruttura.

**L-Istruttura ta' l-Armar**

It-torri għandu jkun vertikali u l-bażi tkun soda u dritta. Id-dimensjoni tvarja skond it-tip ta' xogħol pero l-kantunieri tal-bażi, djagonali, m'għandhomx ikunu inqas minn 1.2m apparti. Issaqajn tal-armar mobbli għandhom ikunu fuq roti solidi ta' mhux inqas minn 125mm dijametru, kif ukoll magħhom ikollhom il-'locks' u l-'brakes' li m'għandhomx jinħallu b'mod aċċidentali.

**Ċaqliq ta' Armar**

- Qatt tmexxi xi armar bin-nies jew b'xi materjal fuqu.
- Dejjem mexxi l-armar billi timbotta jew tiġbed min-naħa tal-bażi.
- Qatt tuża xi mezz ta' trasport biex tmexxi armar, bħal xi 'forklifter' jew trakk.
- Fejn hu possibli dejjem orbot l-armar ma' xi struttura
- Uża l-'locks' tar-roti meta qed tuża armar li ma jkunx statiku.
- Titla' qatt fuq armar jekk ir-roti ma jkunux 'locked' u livell ma' l-art.
- Tantx tgħabbi materjal żejjed fuq il-pjattaforma tal-armar.
- Żomm l-armar 'il bogħod mill-linji tad-dawl
- Evita li taħdem fuq armar jekk ikun ħafna riħ jew temp ħażin.

**'Trestle scaffolds'**



'Trestle' huwa sempliċiment fallakka bejn żewġt islielem.

- Dejjem uża fallaki sħaħ u b'saħħithom.
- Qatt titfa' piż fuq dan it-tip ta' armar speċjalment ċnagen.
- Kemm jista' jkun agħmel ix-xogħol minn bil-qiegħda.

**Aċċess għal Kull Tip ta' Armar**

L-aċċess għandu jsir mill-art jew inkella minn fuq il-bejt, skont l-għoli tal-armar u x-xogħol fejn hu. Jekk ikun ser isir mill-art, preferibbilment għandu jsir permezz ta' slielem, pero jekk ikun se jsir minn fuq il-bejt, wieħed għandu jkun żgur li jkun hemm il-'guard rails'.

Informazzjoni u punti meħuda mid-dokumenti maħruġa mill-OHSA.

## Żmuntar ta' Soqfa tax-Xorok

Fi djar antiki nsibu għadd ta' soqfa tax-xorok. Meta dawn jiġu biex jitneħħew sabiex jinbidel is-saqaf, il-ħaddiema jistgħu jkunu esposti għal perikli serji jekk l-iżmuntar ma jsirx kif suppost. Dan ir-ritratt huwa eżempju ċar ta' kif m'għandux isir l-iżmuntaġġ ta' soqfa tax-xorok.



### Introduzzjoni

Qabel ma bdew jinħadmu tal-konkos, is-soqfa kienu jsiru billi jitpoġġew strixxi ta' ġebel wiesgħa aktar minn kantun iżda ċatti u bil-ġenb maqlub, jiġifieri mhux perpendikulari. Dawn kienu jiġu maqtugħa mill-barrieri bl-idejn. Kienu jitpoġġew ħdejn xulxin fuq zkuk jew travi tal-injam jew tal-ħadid b'qabda żgħira u bl-irjus ma jmissux ma' xulxin, sabiex ma ssirilhomx ħsara meta jsir caqliq. Imbagħad kienu jiġu mgħottija bit-torba u jsir il-kontrabejt.

### Prekawzjonijiet

Kemm minħabba l-ħxuna relattivament żgħira kif ukoll minħabba l-qabda żgħira li jkollhom, trid tingħata attenzjoni partikulari għall-iżmuntar ta' soqfa bħal dawn. Ix-xogħol isir bl-idejn minħabba żewġ raġunijiet prinċipali:-

1. Sabiex ma ssirx ħsara lil bini ieħor li jkun aġġenti mal-fond fejn ikun qed isir ixxogħol u jkunu qed jiġu mħarsa terzi persuni;
2. Minbarra partijiet oħra mill-bini antik, ix-xriek ukoll ikun jista' jerġa' jiġi riċiklat. Għal dan teżisti talba kbira kemm minħabba l-ħarsien tal-ambjent kif ukoll sabiex jiġu osservati r-regolamenti relevanti.

### Il-Proċess

X'ħin jinkixef, ix-xriek normalment jiġi mdawwar għal fuq il-ġenb tiegħu waqt li jibqa' jserraħ fuq it-travi. Imbagħad jiġi mgħolli 'l fuq u jitpoġġa fuq il-pilastri u wara jinġarr għal fuq it-trailers.

**Perikli**

Waqt li jkun qed isir dan ix-xogħol, il-ħaddiema m'għandhomx jirfsu fuq ix-xriek u saqajhom ikunu fuq it-travi. Kemm minħabba li l-qabda tkun żgħira kif ukoll li ċerti travi jkunu maqsuma, trid tingħata attenzjoni kbira waqt il-qlugħ tat-travi. Huwa għalhekk meġtieġ li l-ħaddiema jkunu mħarrġa sew f'dan ix-xogħol.

**Armar**

Minkejja din l-attenzjoni kollha, xorta jkun hemm xi xriek u materjal ieħor li jista jaqa' għal isfel. Dan jista' jikkawża ħsarat kbar b'mod speċjali fejn ikun hemm aktar minn sular wieħed. Aktar minn hekk, ġieli jkun diffiċli ħafna li l-ħaddiema li jkunu qed iħottu s-soqfa jintrabtu. Għalhekk l-aħjar prekawzjoni tkun illi jsir armar temporanju f'livell ftit aktar 'l isfel mis-saqaf li jkun se jinħatt. Dan għandu jsir minn nies tas-sengħa u għandu jiġi approvat minn persuna kompetenti. Barra minn hekk, il-ħaddiema jkunu jistgħu jkomplu ix-xogħol billi jirfsu fuq is-saqaf u anki jgħabbu fuqu, dejjem skond kemm ikun iċċertifikat li jiflaħ. L-istess armar imsemmi hawn fuq biex jinqalgħu x-xorok, jerġa' jintuża biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jorbtu sew it-travi, kif ukoll joħorġuhom minn ġol-bejta tagħhom, ħalli jkunu jistgħu jitniżżlu. Wieħed għandu jieħu prekawzjonijiet oħrajn billi jivverifika l-kundizzjoni tal-wire tal-krejn, kif ukoll il-ktajjen li jintużaw biex jorbtu u jniżżlu t-travi. L-irbit tat-travi għandu jsir b'mod li, jekk inċidentalment tinħall jew tinqata' katina minnhom, it-travu xorta jibqa' mdendel.

Minkejja dan, ħadd m'għandu jitħalla joqgħod taħt dawn is-soqfa u għandu jkun hemm indikazzjoni ċara li hemm il-periklu. Il-materjal għandu jitpoġġa sew u bil-qies fuq il-pallets. Jekk dan ma jsirx, hemm probabbiltà li waqt il-ġarr, it-tagħbija tiżżerżaq fuq naħa waħda, tiżbilanċja u taqa' għal isfel. Fl-evalwazzjoni tar-riskju għandu jiġi ppjanat li kemm jista' jkun, it-tagħbija ma tiġix mgħoddija minn fejn jgħaddu terzi persuni jew minn fuq propjeta tagħhom. Għaldaqstant, il-krejn għandu jiġi operat b'attenzjoni kbira u għandu jiġi ikkunsidrat ukoll ir-riħ.

Informazzjoni u punti meħuda mid-dokumenti maħruġa mill-OHSA.

## Xogħol fil-Bini Eżistenti



F’Malta għadna nsibu diversi djar antiki mibnija b’elementi bħal xorok u arkati. Meta dawn jiġu biex jitneħħew, jew isiru alterazzjonijiet fihom, il-ħaddiema jistgħu jkunu esposti għal perikli serji jekk l-interventi ma jsirux kif suppost.

Kull bini fih storja għalih, differenti mill-bini ta’ maġenbu. Żbalji żgħar matul interventi fil-bini jistgħu jwasslu għal inċidenti serji, inkluż korrimenti. Huwa dejjem importanti li jkun involut bniedem tekniku meta jsiru interventi fil-bini. Ix-xogħol irid isir dejjem bis-sengħa u l-galbu sabiex ikunu evitati riskji żejda ta’ korriment jew ħsara f’bini u apparat jew inġenji.

Strutturi antiki (mibnija bi travi, arkati, xorok, eċċ.) huma differenti mill-bini modern (mibni b’konkrit rinfurzat). Strutturi antiki ġeneralment jiddependu fuq l-għafsa bejn il-membri (compression) waqt li dawk mibnijin bil-konkrit rinfurzat jiddependu fuq il-ġibda (tension) tal-azzar użat. Għal kuntrarju ta’ bini modern, bini antik iċedi b’mod fraġli (brittle failure) u immedjat mingħajr ebda sinjali (qsim, eċċ.) u għaldaqstant jeħtieġ attenzjoni akbar u metodoloġiji speċifiċi meta jsiru interventi jew twaqqigħ fuq bini ta’ dan it-tip.

- Qabel isir xi forma ta’ intervent fuq il-bini, għandu jkun assigurat li jkunu qed jiġu osservati l-liġijiet kollha marbutin mas-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit tal-kostruzzjoni kif ukoll obbligi oħra li joħorġu minn regolamenti oħra jew meħtieġa minn awtoritajiet oħra.
- Dejjem osserva t-tip u l-funzjoni ta’ elementi strutturali (arkati, travi eċċ..) użati fil-bini u ara kif l-elementi jirrelataw bejniethom jew ma’ elementi oħra fil-bini tal-maġenb. Fittex pjanti strutturali meta dawn huma disponibbli.
- Dejjem ippjana kif ser isir x-xogħol qabel tibda. Ara fejn hemm bżonn irfid jew kontrolli oħra (mursalli, puntali, travi addizjonali, eċċ.).
- Dejjem evalwa r-riskji speċifiċi li jeżistu fuq il-post fejn qed taħdem. Ħu miżuri u prekawzjonijiet xierqa skont ir-riskji nvoluti. Qatt tassumi xejn.
- Ftakar li għandek tipprova tevita jew tikkontrolla r-riskji qabel tirrikorri għall-użu ta’ tagħmir personali protettiv. Dan it-tagħmir għandu jiġi provdut mingħajr ħlas mingħand min iħaddem.
- Dejjem uża għodda tal-idejn fejn l-użu ta’ makkinarju akbar jista’ jwassal għal ħsara lill-bini ta’ maġenbu jew joħloq riskji għal terzi persuni.
- Dejjem ara li l-ħaddiema li jaħdmu fuq dan ix-xogħol huma kompetenti u li huma mħarrġa sew f’xogħolhom.

**Ħitan Antiki**

Ħitan f'binjiet antiki jikkonsistu fi qxur separati ta' xulliel fuq barra mimli b'mazkan bejn il-qxur. Is-saħħa ta' ħitan antiki tiddependi fuq il-ħxuna tal-ħajt u r-rabta (bond) bejn l-elementi tal-ġebel.



- Qatt iżżarma parti mill-ħajt (xulliel) u tħalli l-mazkan espost mingħajr sapport adegwat.
- Qatt tħalli l-wiċċ tal-ħajt mikxuf u espost għall-ilma. L-ilma jista' jwassal għal pressjoni laterali (side thrust) li jwassal għal kollass.
- Dejjem iċċekkja jekk hemmx xi difetti fil-ħajt (qsim jew kurvaturi fil-ħajt (ħajt imżaqqaq), nuqqas ta' invellar (lack of plumb)), eċċ
- Dejjem iċċekkja x'piżiijiet qed jerfa' l-ħajt mis-sulari ta' fuqu u l-kontribut ta' elementi oħra strutturali (soqfa, travi, arkati eċċ) oħra sabiex ikun provdut irfid adegwat.
- Dejjem irfed qabel tagħmel xi interventi fil-faċċata jew ħitan interni.

**Soqfa**

- Ftakar li x-xorok huma suġġetti għal qsim immedjat (brittle failure).
- Qatt tgħabbi xorok b'torba jew piżijiet addizzjonali aktar minn dak maħsub għalih.
- Qatt tuża puntali direttament fuq/taħt xorok. Dejjem uża twavel u/jew travi addizjonali sabiex tifrex il-piż.
- Qatt tirfes direttament fuq ix-xriek. Uża twavel sabiex tifrex il-piż kemm tista'.
- Dejjem arma saqaf temporanju taħt soqfa li jridu jitneħħew. Ara li dan ikun stabbli u mirfud f'każ ta' ħtieġa. L-armar għandu jkun approvat minn persuna kompetenti qabel jintuża.

**Travi**

- Dejjem iċċekkja sew travi għal difetti bħal qsim, kurvaturi, susa, effetti tal-ilma jew sadid.
- Ftakar li l-penetrazzjoni tal-ilma mis-soqfa jew ħitan tagħmel ħafna ħsara lit-travi, kemm dawk tal-injam u dawk tal-azzar.
- Dejjem neħħi travi primarji (primary elements) wara dawk sekondarji (secondary beams).

Ftuħ ta' Aperturi

- Dejjem iċċekkja jekk jeżistux fetħiet addizzjonali fis-sulari soprastanti ta' fejn hu propost il-ftuħ il-ġdid. Uża għeluq temporanju u kunjardi fejn hemm bżonn.
- Dejjem ara li soqfa li qed iserħu fuq ħitan li fuqhom ser isir ix-xogħol għandhom sapport adegwat temporanju sakemm isir ix-xogħol propost.
- Dejjem uża kunjardi u suletti kif meħtieġ skont is-sengħa tal-bini.

**Gallariji**



- Dejjem irfed u pprovdi sapport temporanju, li jkun approvat minn persuna kompetenti, taħt gallariji u saljaturi qabel ma ssir demolizzjoni jew interventi oħra fihom.
- Qatt tassumi li gallariji għandhom kontrapiż adegwat. Ħu prekawzjonijiet addizjonali f'każ ta' bżonn sabiex tassigura l-istabilità tal-istruttura.
- Dejjem iċċekkja għall-preżenza ta' asbestos f'gallariji antiki. Informa persuna teknika dwar miżuri sabiex jitneħħa dan il-materjal b'mod adegwat.

**Arkati**

- Dejjem uża sapport taħt is-samrotti qabel kull intervent f'arkati.
- Qatt tuża ktajjen/ħbula sabiex twaqqa' arkati. Demolizzjoni ta' elementi strutturali permezz ta' ġbid tista' twassal sabiex dawn l-elementi jtiru mingħajr ebda kontroll.
- Dejjem agħti kas tal-forzi laterali preżenti f'arkata. Qatt tneħħi arkati qabel ma jkun provdut irfid adegwat orizzontalment.

**Turġien**

- Dejjem iċċekkja l-istat tal-pedati għal xi qsim viżibbli
- Dejjem ipprovdi lqugħ temporanju taħt turġien li qed jiżżarmaw.
- Qatt toqgħod fuq turġien li jkunu qed jiżżarmaw iżda uża pjattaforma ta' aċċess maġenb it-taraġ.
- Dejjem żarma taraġ minn fuq billi tneħħi tarġa wara l-oħra.

**Elementi ta' Konkrit Rinfurzat**

- Dejjem iċċekkja l-istat ta' soqfa għal qsim sinjifikanti jew possibbilita' ta' korrużjoni (corrosion) fir-rinforz tal-konkrit. Titlax direttament fuq soqfa li potenzjalment jistgħu jaqgħu bik.
- Qatt tassumi li d-direzzjoni tax-xibka hi fil-parti l-qasira tas-saqaf. Ikxef parti żgħira tar-rinforz sabiex tiċċekkja.
- Qatt tgħabbi soqfa b'materjal jew piżijiet addizzjonali aktar minn dak maħsub għalih.
- Dejjem arma saqaf temporanju taħt soqfa li jridu jitneħħew. Ara li dan ikun stabbli u mirfud f'każ ta' ħtieġa. L-armar għandu jkun approvat minn persuna kompetenti qabel jintuża.

**Skavar u Pedamenti**

- Dejjem itlob parir professjonali rigward is-saħħa tal-blat sabiex jiġu utilizzati pedamenti adegwati. Agħti kas ta' fissuri u difetti oħra fil-blat.
- Dejjem uża bażijiet apposta skont it-tip ta' materjal tal-art.
- Qatt tiskava maġenb ħitan mingħajr ma tkun ivverifikajt l-istabbilita' tal-bini tal-maġenb.

- Ftakar li skont l-obbligi tal-Kodici Civili (Kap 16, 439), ħadd ma jista' jħaffer fil-fond tiegħu bjar, ġwiebi, jew latrini, jew jagħmel tħaffir ieħor għal kull ħsieb li jkun, f'bogħod ta' anqas minn sitta u sebgħin (76) ċentimetru mill-ħajt diviżorju.

**Kantini u Bjar**

- Dejjem iċċekkja għal preżenza ta' kantini u/jew bjar taħt il-pjan terran, speċjalment qabel isir xi rfid.
- Qatt tħalli bokok miftuħin u mingħajr sinjali ta' identifikazzjoni.
- Dejjem ħu l-prekawzjonijiet kollha marbuta ma' xogħol fi spazji ristretti qabel taħdem (L.S. 424.27).
- Żomm f'moħħok il-possibiltà ta' ilma kontaminat, gassijiet tossiċi, nuqqas ta' ossiġnu, eċċ… Apparat ta' Xogħol
- Dejjem ara li t-tagħmir li qed tuża hu adattat għax-xogħol li tkun ser twettaq mingħajr periklu għas-saħħa u sigurtà. Segwi normi ta' CE marking fejn applikabbli.
- Ftakar li karatteristiċi ta' sigurtà qegħdin hemm fl-interess ta' min juża l-apparat ta' xogħol. Qatt tagħmel modifiċi fl-apparat.
- Dejjem aqra u segwi struzzjonijiet mill-manifattur tal-apparat qabel tużah. Qis li tkun mħarreġ sew qabel tuża l-apparat.
- Ara li l-apparat qed issirlu manutenzjoni adegwata. Spezzjonijiet u ċertifikazzjoni ta' dan l-apparat għandhom isiru skont l-obbligi statutorji.

**Servizzi**

- Dejjem iċċekja minn fejn għaddejjin is-servizzi qabel kull forma ta' intervent. Uża apparat ta' identifikazzjoni f'każ ta' bżonn. Żomm nota ta' minn fejn għaddejin is-servizzi fil-health and safety file.
- Ara li servizzi li tkun ser taħdem fuqhom mhumiex attivi. Itfi/agħlaq mains, valvi, eċċ… f'każ ta' ħtieġa sabiex taħdem.
- Dejjem iċċekkja għall-preżenza ta' asbestos u/jew ċomb f'tankijiet tal-ilma, katusi u kanen tal-ilma. Dawn ġieli jinstabu f'bini antik. Informa persuna teknika dwar miżuri sabiex jitneħħa dan il-materjal b'mod adegwat

Informazzjoni u punti meħuda mid-dokumenti maħruġa mill-OHSA.

## Skavar



**Skavar isir meta jintuża makkinarju sabiex jitneħħa materjal mill-art bħal ħamrija jew terrapien, jew tħaffir ta' ġebel. Kull sena nisimgħu b'għadd ta' inċidenti relatati ma' skavar. Sabiex dawn jiġu evitati, ix-xogħol ta' skavar għandu jkun ippjanat, immaniġġjat, sorveljat u mwettaq sewwa.**

**Xi Prekawzjonijiet Għandhom Jittieħdu waqt Xogħol ta' Skavar?**

- Ara li l-ebda materjal ma jaqa' fuq il-ħaddiema, speċjalment b'mod li jistgħu jintradmu.
- Ħu l-prekawzjonijiet kontra l-waqgħat fondi f'toqob ta' 2 metri jew aktar.
- Ħu l-miżuri kollha meħtieġa meta jinstab xi ilma, dawl jew servizzi oħra waqt l- iskavar.
- Ara li l-ventilazzjoni tkun adegwata u tajba għal kull ħaddiem sabiex l-arja tkun ħielsa minn gassijiet tossiċi, trab u xi mpuritajiet oħra li jistgħu jinħolqu waqt l-iskavar.
- Assigura li hemm mezzi ta' ħruġ f'każ ta' emerġenza bħal nirien, dħul f'daqqa ta' kwantita kbira ta' ilma, kif ukoll jekk iċedi xi materjal.
- L-armar kif ukoll is-*supports* li jintużaw waqt xogħol ta' skavar ma jistgħux jiġu armati (immuntati), alterati jew żarmati jekk mhux taħt is-sorveljanza ta' persuni kompetenti.

**QABEL WIEĦED JIBDA TĦAFFIR FUQ IL-POST**

• Wieħed għandu jiżgura li x-xogħol li jkun ser isir ikun ippjanat sew minn qabel.

• Tiġi stabbilita l-istabbilità u s-saħħa ta' l-art minn persuna kompetenti.

• Persuna kompetenti għandha tiżgura li waqt l-iskavar, mhux se jiġu affetwati djar fil- viċinanza, toroq, kif ukoll xi strutturi oħra.

• Min iħaddem għandu dmir li jara minn fejn għaddejin is-servizzi bħal kanen tal-ilma, drenaġġ u xi servizzi oħra li jkunu għaddejin minn taħt l-art. Bħala prekawzjoni wieħed jista' jagħlaq jew jaqla' għal ħin qasir dawn is-servizzi msemmija hawn fuq. Jekk dan ma jkunx jista' jsir, dawn jistgħu jiġu mmarkati b'mod effettiv.

• Xogħol ta' skavar għandu jsir taħt is-sorveljanza ta' persuna kompetenti.

• Min ikun qed jaħdem għandu jkollu struzzjonijiet ċari.

• Wieħed għandu jara li l-ebda piż ma jitpoġġa fil-qrib jew fit-tarf, ħdejn l-iskavar, li jista' jikkawża xi kollass u b'hekk tpoġġi l-ħaddiema fil-periklu.

• Għandhom jitpoġġew blokki jew barrikati biex vetturi li jkunu ġejjin ma jibqgħux neżlin fil-post tal-iskavar.

**Jekk waqt l-iskavar jinħoloq dak li jgħidulu spazju ristrett (eż. mina), għandu wkoll ikollok permess tax-xogħol li fih jidentifika:**

• Il-ħaddiema li se jagħmlu x-xogħol.

• X'tip ta' taħriġ (*training*) ħadu l-ħaddiema.

• Ir-riżultati tat-*test* ta' l-arja.

• It-tip ta' xogħol li se jsir.

• Xi rakkomandazzjonijiet għal waqt ix-xogħol.

• Data ta' meta nħareġ il-permess.

• Data sa kemm hu validu l-permess.

• Firma ta' min qed joħroġ il-permess.



- Firma tas-*supervisor* li qed jingħata l-permess.

Informazzjoni u punti meħuda mid-dokumenti maħruġa mill-OHSA.

## Użu tal-Fork Lifter

Fork Lift Trucks (FLT) jew Forklifters kif inhuma magħrufin, huma wżati estensivament fl-industrija u huma biċċa għodda utili ħafna. Sfortunatament spiss nisimgħu b'inċidenti li jinvolvu FLT. Kull sena jseħħu numru sostanzjali ta' inċidenti li jikkawżaw korrimenti u anki mwiet. Dawn l-inċidenti jfissru ħafna tbatija għall-persuni nvoluti u l-familji tagħhom kif ukoll danni materjali, sfrattu tax-xogħol u spejjeż għal min iħaddem.

**X'Għandu Jsir Meta Jintuża FLT**

- Iċ-ċwievet tal-FLT jittieħdu biss minn min hu awtorizzat.
- Fejn hu possibbli, FLT u nies mexjin għandhom jinżammu separati.
- Doqq il-horn f'kantunieri u quddiem bibien.
- Suq bil-mod, speċjalment meta qed iddur, bil-frieket 150 mm 'il fuq mill-art (fejn hu possibbli) u tieqafx f'daqqa.
- Dejjem ħares 'l fejn tkun qed issuq u uża l-mirja meta ssuq lura.
- Meta tinżel mill-FLT ara li ttella' l-brejk.
- Qabel terfa' xi oġġett, ara li hemm spazju biżżejjed u li ma jistgħux jaqgħu oġġetti fuq in-nies.
- Meta titla' jew tinżel mill-FLT, oqgħod attent u uża l-handles jew skali.

**Qatt m'Għandek:**

- Terfa' persuna fuq il-frieket jekk mhux f'gaġġa magħmula apposta u ċċertifikata minn persuna kompetenti.
- Tħaddem il-FLT minn barra l-kabina.
- Terfa' oġġetti meta hemm xi persuna qrib tagħhom.
- Tħalli nies jgħaddu minn taħt il-frieket.
- Terfa' oġġetti li mhumiex stabbli.
- Iġġorr passiġġieri.
- Tgħaddi minn fuq cables jew pajpijiet.
- Issuq bit-tagħbija mgħollija.
- Issuq b'tagħbija li ma tħallikx tara fejn sejjer. Jekk dan mhux possibli, għandu jkun hemm assistent li jiggwidak.

- Issuq fuq art mhux adegwata (mhux lixxa).
- Tħaddem il-FLT b'magna tal-petrol jew diesel f'post magħluq jew mhux ventilat sew.

**Manutenzzjoni**

Il-FLT għandu jinżamm f'kundizzjoni tajba u ssirlu manutenzjoni regolari li tieħu ħsieb:

- It-tyres
- Il-brejkijiet
- Il-livelli ta' l-ilma, żejt u fuel
- Il-batterija
- Sistemi idrawliċi u mekkaniċi ta' l-irfigħ
- Struttura ġenerali tal-FLT
- Sinjali akustiċi
- Dwal
- Mirja

**Kull min juża l-FLT għandu jkun konxju ta' dan kollu. Niftakru li l-FLT mhux ġugarell u fl-idejn żbaljati jista' jkun arma li kapaċi tagħmel ħafna ħsara. Għalhekk ħadd m'għandu jkun prużuntuż u joffri li jagħmel xogħol li mhux imarreġ għalih u ĦADD ma jista' jqabbdek tagħmel xogħol li ma tkunx imħarreġ għalih.**



Informazzjoni u punti meħuda mid-dokumenti maħruġa mill-OHSA.

### Użu tal-Krejnijiet

Il-krejn huwa għodda importanti ħafna fl-industrija tal-kostruzzjoni. Il-krejnijiet huma ddisinjati, ittestjati u mibnija sabiex joperaw mingħajr periklu. Meta jintużaw kif suppost, jaqdu l-funzjoni tagħhom li jerfgħu u jniżżlu tagħbijiet tqal u jservu ta' għajnuna għall-ħaddiema fix-xogħol tagħhom. La darba l-krejnijiet għandhom il-potenzjal li jerfgħu oġġetti kbar u tqal, għandhom ukoll il-potenzjal li joħolqu inċidenti kbar. Iżda dawn l-inċidenti jistgħu jiġu evitati b'ippjanar u użu tajjeb.

**Tħaddim tal-Krejn**

Min iħaddem il-krejn, l-operatur, għandu jkun imħarreġ sew fl -użu tal-krejn u jkun jaf x'qed jiġri madwaru. Dan għaliex l-operazzjoni tal-krejn tista' taffettwa ħaddiema oħra li jkunu qegħdin jaħdmu jew sempliċiment mixjin fi l-qrib. Għalhekk l-operatur għandu lewwel jispezzjona l-krejn viżwalment. Dan għandu jara li m'hemmx telf ta' żejt, arja jew fuel. Il-krejn irid ikun invell u l-outriggers miftuħin u stabbli fuq art soda. Jekk il-krejn ikun mgħammar b-sistema komputerizzata li tippermetti l-użu ta' konfigurazzjonijiet differenti tal-ftuħ tal-outriggers, din għanda titħaddem skont l-istruzzjonijiet talmanifattur tal-krejn u, jew il-load charts ta' dak il-krejn. Jara wkoll li l-istruttura ġenerali hija fi stat tajjeb u li ma hemmx wires tal-elettriku li jistgħu jiġu milquta waqt loperazzjoni. Din l-ispezzjoni għandha ssir regolarment għaliex b'hekk xi ħsara jew difett fil-krejn ikunu jistgħu jiġu identifikati mill-ewwel u ma jkomplux jikbru billi jiġu rranġati fil-pront. Min iħaddem għandu jiżgura li ma jkunx hemm tbagħbis mas-sistemi ta'sigurtà u li ssir manutenzjoni adegwata u rekord ta' din tkun miżmuma kif imiss.

**Regoli Bażiċi**

Min iħaddem il-krejn għandu jimxi ma' ċerti regoli bażiċi sabiex jiġu evitati inċidenti:

- Kun ċert qabel terfa' l-oġġett li l-krejn kapaċi jifilħu u jwasslu f'postu.
- Qatt terfa' ħaddiema w oġġetti flimkien.
- Jekk trid terfa' xi ħaddiema, dan irid isir ġo gaġġa magħmula apposta u ċċertifikata minn persuna kompetenti.
- Meta terfa', trid tara li l-oġġett ikun direttament taħt il-ponta tal-jib u l-wire rope ikun f'linja vertikali.

- L-operatur tal-krejn irid jibqa' dejjem mal-kontrolli, ma jkunx distratt u jekk ikun ilkaż, jaħdem skont l-istruzzjonijiet ta' min ikun qed jiggwidah.

- Evita' li tgħaddi b'oġġetti minn fuq ħaddiema jew nies oħra jew minn fuq proprjetà ta' terzi persuni u toroq. Jekk dan mhux possibbli, għamel evalwazzjoni tar-riskju u żgura li jittieħdu l-miżuri meħtieġa.

- Ħaddem bil-mod u evita li tagħti skossi waqt li krejn ikun qed jaħdem.

- Oqgħod attent minn wires tal-elettriku.

- Orbot it-tagħbija sew u bbilanċjaha.

- Il-kabina għandha tissakkar wara l-użu.

- Ara li l-wire rope ma jkunx maqrus, imsellet jew imqatta'.

- Ara li jkollok il-permessi meħtieġa jekk se tagħlaq it-triq jew tostakola t-traffiku.

- Jekk il-krejn ikun armat fit-triq ara li jkun hemm fejn wieħed ikun jista jimxi mingħajr periklu.

- Jekk ix-xogħol se jsir filgħaxija ara li jkun hemm dawl adegwat.

- Il-krejn ma jitħaddimx f'riħ qawwi.

- Ma jitħallewx oġġetti mdendlin mal-ganċ meta il-krejn mhux jintuża.

- Min iħaddem għandu jiżgura li l-operatur hu kompetenti biex jopera l-krejn.

Fil-każ ta' **tower cranes** min iħaddem għandu jara li ssir spezzjoni tal-bidu (wara listallazzjoni u qabel ma jibda jitħaddem) u spezzjoni wara l-assemblaġġ f'post ġdid minn persuna kompetenti, biex ikun żgurat li l-krejn ikun ġie stallat sew u jkun qed jaħdem sew, skont ir-Regolamenti tal-2016 dwar Apparat tax-Xogħol (Ħtiġiet Minimi għas-Saħħa u sSigurtà), L.S. 424.35 Għandu jsir ukoll ċertifikat tal-bażi tal-krejn minn persuna kompetenti sabiex ikun żgurat li fejn ikun armat il-krejn ikun jiflaħ l-istruttura u t-tagħbija massima. Huwa mportanti ħafna li meta ssir il-qalba awtomatika minn żewġ ħbula għal erba' ħbula fuq tower crane, fejn hu possibbli din issir minn ġol-kabina tal-krejn. B'hekk l-operatur ikun jista' jara li lmekkaniżmu jkun imqabbad sew.

# Appendiċi

Rikorsi u noti meħuda mis-sit uffiċjali tal-OHSA.

http://www.ohsa.org.mt/